



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 19/25

Il-Lussemburgu, 25 ta' Frar 2025

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-233/23 | Alphabet et

Ir-rifjut ta' impriża f'pożizzjoni dominanti li tiżgura l-interoperabbiltà tal-pjattaforma tagħha ma' applikazzjoni ta' impriża oħra, liema interoperabbiltà tagħmel lil din l-applikazzjoni iktar attraenti, jista' jkun abbużiv

Ir-rifjut jista' jkun iġġustifikat min-nuqqas ta' eżistenza ta' mudell għall-kategorija tal-applikazzjonijiet ikkonċernati fejn l-għoti tal-interoperabbiltà jkun jikkomprometti s-sigurtà u l-integrità tal-pjattaforma

Ir-rifjut ta' impriża f'pożizzjoni dominanti, li tkun żviluppata pjattaforma diġitali, li tagħti aċċess għal din il-pjattaforma, billi tirrifjuta li tiżgura l-interoperabbiltà ta' din tal-aħħar ma' applikazzjoni żviluppata minn impriża terza, jista' jikkostitwixxi abbuż ta' pożizzjoni dominanti, minkejja li l-pjattaforma ma tkunx indispensabbli għall-użu kummerċjali tal-applikazzjoni. Fil-fatt, tali abbuż jista' jiġi kkonstatat fejn il-pjattaforma tkun ġiet żviluppata bil-ħsieb li jkunu jistgħu jużawha impriżi terzi u fejn hija tkun ta' natura li tagħmel lill-applikazzjoni iktar attraenti għall-konsumaturi. Ir-rifjut jista', madankollu, jiġi iġġustifikat min-nuqqas ta' eżistenza ta' mudell għall-kategorija tal-applikazzjonijiet ikkonċernati fil-mument li fih l-impriża terza tressaq it-talba għal aċċess, fejn l-għoti tal-interoperabbiltà jkun jikkomprometti s-sigurtà u l-integrità tal-pjattaforma, jew fejn ikun impossibbli, għal raġunijiet tekniċi oħra, li tiġi żgurata din l-interoperabbiltà. Fil-każijiet l-oħra, l-impriża dominanti għandha tiżviluppa tali mudell, fi żmien raġonevoli meħtieġ għal dan il-għan u, jekk ikun hemm bżonn, kontra korrispettiv finanzjarju xieraq.

Fl-2018, Enel ¹ nediet fl-Italja l-applikazzjoni JuicePass, li tippermetti lis-sewwieqa jsibu u jipprenotaw stazzjonijiet tal-iċċarġjar għall-vetturi bil-mutur elettriċi tagħhom. Sabiex tiġi ffaċilitata n-navigazzjoni lejn dawn l-istazzjonijiet, Enel talbet lil Google ² tagħmel l-applikazzjoni kompatibbli ma' Android Auto, is-sistema ta' Google li tagħti aċċess, dirett fuq l-iskrin tad-daxbord tal-vetturi bil-mutur, għal applikazzjonijiet fuq smartphones. Fil-fatt, żviluppaturi terzi jistgħu jadattaw l-applikazzjonijiet tagħhom għal Android Auto permezz ta' templates (mudelli) ipprovduti minn Google. Google rrifjutat li tiegħu l-passi meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' JuicePass ma' Android Auto ³. Għalhekk, l-Awtorità Taljana għall-Protezzjoni tal-Kompetizzjoni u tas-Suq (AGCM) imponiet fuq Google multa ta' iktar minn 102 miljun EUR, billi, fil-fehma tagħha, dan l-aġir kien jikkostitwixxi abbuż ta' pożizzjoni dominanti. Google kkontestat din id-deċiżjoni quddiem il-Kunsill tal-Istat Taljan, li adixxa lill-Qorti tal-Ġustizzja permezz ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li **ir-rifjut ta' impriża f'pożizzjoni dominanti**, li tkun żviluppata pjattaforma diġitali, **li tiżgura l-interoperabbiltà ta' din il-pjattaforma ma' applikazzjoni żviluppata minn impriża terza, jista' jikkostitwixxi abbuż ta' pożizzjoni dominanti**.

Tali abbuż ta' pożizzjoni dominanti ma huwiex limitat għall-każ fejn il-pjattaforma tkun indispensabbli għall-eżerċizzju tal-attività ta' min ikun qiegħed jitlob l-aċċess ⁴. Jista' jeżisti wkoll fejn, bħalma proprju jidher li huwa l-każ hawnhekk, l-impriża f'pożizzjoni dominanti ma tkunx żviluppata il-pjattaforma għall-bżonnijiet biss tal-attività tagħha stess, iżda bil-ħsieb li jkunu jistgħu jużawha impriżi terzi, u fejn din il-pjattaforma ma

tkunx indispensabbli għall-użu kummerċjali ta' applikazzjoni żviluppata minn tali impriża terza, iżda tkun ta' natura li tagħmel lil din l-applikazzjoni iktar attraenti għall-konsumaturi ⁵.

Ir-rifjut ta' aċċess jista' jipproduċi effetti antikompetittivi anki jekk l-impriża terza li tkun żviluppata l-applikazzjoni u l-kompetituri tagħha jkunu baqgħu attivi fis-suq li taħtu taqa' din l-applikazzjoni u jkunu żviluppaw il-pożizzjoni tagħhom f'dan tal-aħħar, mingħajr ma jkunu bbenefikaw mill-interoperabbiltà mal-pjattaforma. F'dan ir-rigward, għandu jiġi evalwat jekk ir-rifjut kienx ta' natura li jfixkel iż-żamma jew l-iżvilupp tal-kompetizzjoni fis-suq ikkonċernat, billi jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi *fattwali rilevanti kollha*.

Ir-rifjut ta' impriża f'pożizzjoni dominanti li tiżgura l-interoperabbiltà ta' applikazzjoni ma' pjattaforma diġitali **jista' jkun iġġustifikat** min-nuqqas ta' eżistenza ta' mudell għall-kategorija tal-applikazzjonijiet ikkonċernati fejn l-għoti ta' din l-interoperabbiltà permezz ta' tali mudell ikun jikkomprometti l-integrità ta' din il-pjattaforma jew is-sigurtà tal-użu tagħha, jew fejn ikun impossibbli, għal raġunijiet tekniċi oħra, li tiġi żgurata l-interoperabbiltà bl-iżvilupp ta' dan il-mudell.

Madankollu, **jekk dan ma jkunx il-każ, l-impriża f'pożizzjoni dominanti għandha tiżviluppa tali mudell fi żmien raġonevoli**, kontra, jekk ikun hemm bżonn, korrispettiv finanzjarju xieraq. Għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni f'dan il-kuntest il-bżonnijiet tal-impriża terza li tkun talbet dan l-iżvilupp, l-ispiża reali ta' dan tal-aħħar u d-dritt tal-impriża f'pożizzjoni dominanti li tagħmel minnu qligħ xieraq.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qrati tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qrati nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ u, fejn applikabbli, is-sunt](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ B'mod iktar preċiż Enel X Italia, li tagħmel parti mill-grupp Enel, liema grupp jamministra iktar minn 60 % tal-istazzjonijiet tal-iċċarġjar disponibbli għall-vetturi bil-mutur elettriki fl-Italja, u li tipprovdi servizzi għal tali iċċarġjar.

² Google Italy Srl hija sussidjarja Taljana ta' Google LLC li, min-naħa tagħha, hija proprjetà ta' Alphabet Inc. It-tliet impriżi jissejġu flimkien bl-isem Google.

³ Inizjalment, Google ddikjarat li, sa fejn ma kien jeżisti ebda template speċifiku, l-applikazzjonijiet multimedjali u messaggġistiċi kienu l-uniċi applikazzjonijiet ta' impriżi terzi kompatibbli ma' Android Auto. Sussegwentement, Google ġġustifikat ir-rifjut tagħha abbażi tal-inkwiet tagħha dwar is-sigurtà u tal-ħtieġa li r-riżorsi meħtieġa għall-ħolqien ta' template ġdid jiġu allokati b'mod razzjonali.

⁴ Kundizzjoni stabbilita mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tas-26 ta' Novembru 1998, Bronner, [C-7/97](#) (ara wkoll l-istqarrija għall-istampa [Nru 72/98](#)).

⁵ Fit-tali każ, la ż-żamma tal-libertà li wieħed jikkuntratta u tad-dritt tal-impriża f'pożizzjoni dominanti għall-proprjetà u lanqas il-ħtieġa li din tal-aħħar tkompli tiġi inċentivata tinvesti fl-iżvilupp ta' prodotti jew ta' servizzi ta' kwalità ma jiġġustifikaw li l-klassifikazzjoni ta' rifjut li jingħata aċċess lil impriża terza għall-infrastruttura inkwistjoni bħala wieħed abbużiv tiġi limitata għas-sitwazzjonijiet li fihom il-kundizzjoni "Bronner", marbuta man-natura indispensabbli għall-eżerċizzju tal-attività ta' min ikun qiegħed jitolb l-aċċess, tkun issodisfatta.